IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2020
COM(2020) 963 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumaturi

{SEC(2020) 371 final} - {SWD(2020) 254 final} - {SWD(2020) 255 final}

**Direttiva 2008/48/KE — rapport lill-koleġiżlaturi (f'konformità mal-Artikolu 27(2) tas-CCD)**

## 1. Introduzzjoni

Id-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur (Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur — "Direttiva")[1] tarmonizza ċerti aspetti tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumaturi. Hija ssegwi żewġ objettivi ewlenin:

(i) li ttejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur u b'hekk tingħata spinta lill-fiduċja tal-konsumatur, u

(ii) li trawwem il-ħolqien ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb għall-kreditu tal-konsumatur offrut bejn il-fruntieri billi jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri tal-kreditu għall-konsumatur madwar l-Istati Membri.

Id-Direttiva ma għandhiex l-għan li tħeġġeġ lill-konsumaturi jieħdu aktar kreditu, iżda pjuttost li tipprovdilhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jirriflettu u jqabblu l-offerti qabel ma jieħdu kreditu u biex tagħtihom drittijiet f'każ li jibdlu fehmthom. Din tkopri kreditu tal-konsumatur bejn EUR 200 u EUR 75 000, bħal self mogħti għall-konsum personali, overdrafts u karti ta' kreditu, kif ukoll self mhux garantit ta' aktar minn EUR 75 000 li l-għan tiegħu huwa r-rinnovazzjoni ta' proprjetà immobbli residenzjali. Id-Direttiva ma tapplikax għal ċerti tipi speċifiċi ta' kreditu għall-konsumatur (eż. ċerti krediti mingħajr imgħax, ċerti ftehimiet ta' kiri).

Id-Direttiva daħlet fis-seħħ f'Ġunju 2008 u l-Istati Membri kellhom sal-11 ta' Diċembru 2010 biex jittrasponuha. S'issa, ma hemm l-ebda proċedura ta' ksur pendenti kontra l-Istati Membri għan-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva[2].

Id-Direttiva tat bidu għal riformi sostanzjali fl-ambjent tal-kreditu tal-konsumatur fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-Istati Membri kellhom jew jiżviluppaw u jistabbilixxu qafas legali kompletament ġdid applikabbli għas-suq tal-kreditu jew jemendaw il-leġiżlazzjoni eżistenti tagħhom. Safejn din id-Direttiva fiha dispożizzjonijiet armonizzati, l-Istati Membri ma jistgħux iżommu jew jintroduċu fil-liġi nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet li jiddevjaw minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva. Madankollu, ingħatat flessibbiltà diskrezzjonali lill-Istati Membri biex jagħmlu użu minn għażliet regolatorji partikolari f'disa' dispożizzjonijiet fakultattivi[3]. Barra minn hekk, xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva jistabbilixxu objettivi ċari iżda ma jispeċifikawx b'mod ċar ir-riżultat li għandu jinkiseb. Dan ta lill-Istati Membri xi diskrezzjoni addizzjonali fl-implimentazzjoni tad-Direttiva.

---

[1] Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE, ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66–92

[2] Għalhekk, mal-iskadenza tat-traspożizzjoni l-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra 20 Stat Membru. Madankollu, l-Istati Membri eventwalment adottaw u kkomunikaw it-traspożizzjoni tagħhom u b'hekk il-każijiet kollha ġew magħluqa ftit wara.

[3] Speċifikat fl-Artikolu 27(2) tad-Direttiva u indirizzat aktar 'l isfel fit-Taqsima 3.

L-Artikolu 27(2) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni timmonitorja l-mod li bih l-għażliet regolatorji tal-Istati Membri jaffettwaw is-suq intern u l-konsumaturi[4]. Barra minn hekk, fil-"Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur" tal-2017[5], il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' (i) suq uniku aktar profond u sikur għall-kreditu tal-konsumatur[6] kif ukoll ta' (ii) valutazzjoni aħjar tal-affidabbiltà kreditizja[7]. Fl-2019 l-opinjoni tal-Pjattaforma REFIT tal-Kummissjoni rrakkomandat li jiġu vvalutati r-rilevanza, l-effettività u l-effiċjenza tar-rekwiżiti għall-informazzjoni standard li għandha tiġi inkluża fir-reklamar.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ddeċidiet li twettaq evalwazzjoni sħiħa tad-Direttiva biex tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza, u l-valur miżjud tal-UE tagħha[8]. L-evalwazzjoni twettqet f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar, inkluża Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa bejn Jannar u April 2019 u attivitajiet oħra ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni u t-tagħlimiet meħuda mill-applikazzjoni tad-Direttiva matul l-aħħar 10 snin, inklużi l-kunsiderazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva[9]. Huwa jibbaża fuq ir-riżultati ta' dokument ta' evalwazzjoni komprensiv imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni[10] u ppubblikat simultanjament ma' dan ir-rapport.

## 2. Riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni

### 2.1 Riżultat ġenerali

Is-sejba ġenerali tal-evalwazzjoni hija li d-Direttiva kienet **parzjalment effettiva** fl-iżgurar ta' standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u fit-trawwim tal-iżvilupp ta' suq uniku għall-kreditu, u li l-**objettivi tagħha għadhom rilevanti** fil-kuntest ta' xenarju regolatorju li juri frammentazzjoni sinifikanti madwar l-UE.

*Effikaċja*

[4]Barra minn hekk, l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq rieżami regolari tal-livelli limiti u tal-perċentwali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni u fl-annessi korrispondenti. Ara t-Taqsima 4 hawn taħt għal aktar informazzjoni.

[5] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur: Prodotti Aħjar, Aktar Għażla, COM/2017/0139 final

[6] Azzjoni 7 — Suq Uniku Aktar Profond għall-kreditu tal-konsumatur: il-Kummissjoni se tesplora modi kif tiffaċilita l-aċċess għas-self bejn il-fruntieri filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll modi kif tindirizza b'mod aktar effiċjenti d-dejn eċċessiv tal-konsumatur marbut mal-attivitajiet ta' kreditu.

[7] Azzjoni 9 - Valutazzjonijiet aħjar tal-affidabbiltà kreditizja: il-Kummissjoni se tfittex li tintroduċi standards u prinċipji komuni għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għas-self lill-konsumaturi u se taħdem biex tiżviluppa sett minimu ta' *data* li għandha tiġi skambjata bejn ir-reġistri tal-kreditu fil-valutazzjonijiet transfruntiera tal-affidabbiltà kreditizja.

[8] Ara hawn: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/1844-Evaluation-of-the-Consumer-Credit-Directive

[9] L-Artikolu 27(2) tad-Direttiva jistipula li l-Kummissjoni għandha timmonitorja l-effett tal-eżistenza tal-għażliet regolatorji msemmija fl-Artikolu 2(5), 2(6), 4(1), 4(2)(c), 6(2), 10(1), 10(5)(f), 14(2) u 16(4) tad-Direttiva.

[10] SWD(2020)254.

Livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-emerġenza ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb it-tnejn intlaħqu parzjalment. Id-dispożizzjonijiet l-aktar effettivi fid-Direttiva huma relatati mad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' rtirar u ħlas lura kmieni u d-dispożizzjoni li tirregola r-Rata Perċentwali Annwali ta' Imposta. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja u l-bażijiet ta' *data* tal-kreditu ma kinux kompletament effettivi. Ir-raġunijiet għaliex id-Direttiva kienet biss parzjalment effettiva jirriżultaw kemm mid-Direttiva nnifisha (pereżempju, kliem impreċiż ta' artikoli partikolari) kif ukoll minn fatturi esterni, bħall-applikazzjoni prattika u l-infurzar fl-Istati Membri[11] u minn aspetti tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur mhux koperti mid-Direttiva.

*Effiċjenza*

Id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva wassal għal għadd ta' spejjeż inizjali u kontinwi (pereżempju, it-taħriġ tal-persunal u l-ispejjeż għat-twaqqif inizjali għall-kumpaniji privati; spejjeż ta' monitoraġġ, konformità u infurzar għall-awtoritajiet pubbliċi). Madankollu, is-sejba ewlenija hija li l-benefiċċju prinċipali tad-Direttiva, jiġifieri t-tnaqqis fid-detriment tal-konsumatur, jisboq l-ispejjeż.

*Koerenza*

Id-Direttiva hija ġeneralment koerenti ma' u komplimentari ma' politika u leġiżlazzjoni oħra tal-konsumatur fil-livell tal-UE. Filwaqt li ma hemm l-ebda inkonsistenza kbira ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra fil-livell tal-UE, aktar allinjament jew sinerġiji ma' tali leġiżlazzjoni jistgħu jgħinu biex titjieb iċ-ċarezza legali għall-konsumaturi u l-kredituri. Każ bħal dan jikkonċerna l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u l-ħtieġa possibbli li d-Direttiva tallinja ruħha aħjar mad-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* rispettivament.

*Rilevanza*

Iż-żewġ objettivi ewlenin tad-Direttiva, jiġifieri l-kisba ta' standards ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-ħolqien ta' suq transfruntier, jibqgħu rilevanti. Madankollu, sabiex issostni r-rilevanza tagħha fi żmien qasir u medju, id-Direttiva jista' jkollha bżonn tkopri d-drawwiet emerġenti ġodda tal-konsumaturi u l-iżviluppi emerġenti tas-suq li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni. Dan ma jirrikjedix li jinbidlu l-objettivi nfushom, iżda possibbilment adattament ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

*Valur miżjud tal-UE*

Il-valur miżjud tad-Direttiva jinsab fil-ħolqien ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur madwar l-UE u fit-tnaqqis tal-frammentazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE permezz tal-introduzzjoni ta' ċerti artikoli ta' armonizzazzjoni (pereżempju, formati standardizzati ta' informazzjoni), biex b'hekk tiżdied il-protezzjoni tal-konsumatur u jitnaqqsu l-ostakli għall-forniment ta' kreditu transfruntier.

### 2.2 Żviluppi ewlenin tas-suq tal-kreditu li jaffettwaw id-Direttiva

[11] Diskussi hawn taħt fit-Taqsima 2.4.

L-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tad-Direttiva ġew affettwati minn diversi xejriet fis-suq tal-kreditu matul dawn l-aħħar 10 snin:

*Diġitalizzazzjoni*

Id-diġitalizzazzjoni biddlet b'mod profond il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u d-drawwiet ġenerali tal-konsumaturi. Dan qed jaffettwa wkoll is-settur tas-self li qiegħed progressivament jiġi diġitalizzat b'għadd dejjem jikber ta' kuntratti ta' kreditu tal-konsumatur innegozjati u/jew konklużi online. Ix-xejra lejn aktar diġitalizzazzjoni hija mistennija li tkompli[12].

Id-diġitalizzazzjoni ġabet magħha wkoll atturi ġodda fis-suq li joffru ftehimiet ta' kreditu f'forom differenti, bħal krediti minn pjattaformi jew self bejn il-pari. Dan iġġenera dibattitu dwar jekk atturi ġodda tas-suq jagħmlux u għandhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u jekk id-definizzjoni attwali ta' "kreditur" kif stabbilita fid-Direttiva hijiex biżżejjed. Id-diġitalizzazzjoni xeħtet dubju wkoll fuq l-adegwatezza tal-artikli attwali dwar informazzjoni prekuntrattwali għal ambjent mingħajr karti nnavigat minn għodod diġitali bħal telefowns ċellulari u tablets.

*Prodotti Ġodda*

Fis-suq tal-kreditu għall-konsumatur dehru prodotti ġodda, bħala riżultat tal-innovazzjoni jew permezz ta' adattament mis-settur finanzjarju korporattiv — eż. kreditu bi prezz għoli għal żmien qasir, kreditu rotanti, jew self bejn il-pari.

Uħud minn dawn il-prodotti l-ġodda bħalissa ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Fl-istess ħin, xi wħud minnhom joħolqu riskji partikolari għall-konsumaturi peress li t-tariffi relatati magħhom jistgħu jkunu jew għoljin ħafna mill-bidu nett jew jiżdiedu malajr maż-żmien, u b'hekk iġorru r-riskju li l-konsumatur jintbagħat f'spirali ta' dejn.

*Preferenzi tal-konsumatur*

Matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-konsumaturi biex jieħdu kreditu nbidlu mhux biss bħala riżultat tad-diġitalizzazzjoni iżda wkoll minħabba t-trasformazzjoni tad-drawwiet tal-konsum. Il-konsultazzjoni pubblika fl-2019[13] uriet li l-konsumaturi jagħmlu aktar enfasi fuq proċess aktar faċli u aktar mgħaġġel biex jinkiseb il-kreditu aktar milli fuq il-post jew l-identità tal-kreditur.

2.3 <u>Oqsma fejn id-Direttiva kellha impatt partikolarment pożittiv</u>

Minkejja l-isfidi ta' hawn fuq, l-evalwazzjoni wriet li d-Direttiva tejbet il-protezzjoni tal-konsumatur u l-integrazzjoni tas-suq intern f'għadd ta' oqsma:

*Dritt ta' rtirar u ħlas lura kmieni*

[12] Studju wera li bejn Q2 2016 u Q2 2018 il-volum ta' kreditu tat-teknoloġija finanzjarja tela' għal madwar tliet darbiet, filwaqt li ieħor sab li s-suq tat-teknoloġija finanzjarja huwa mistenni li jikber b' 13,3% sal-2022, minn valur ta' tranżazzjoni tal-2018 ta' EUR 682 biljun.

[13] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/1844-Evaluation-of-the-Consumer-Credit-Directive

Il-konsumatur għandu jkollu perjodu ta' erbatax-il jum kalendarju li matulhom jista' jirtira mill-ftehim ta' kreditu mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni. Barra minn hekk, il-klawżola ta' ħlas lura bikri tintitola lill-konsumatur li jħallas lura b'mod sħiħ jew parzjali, fi kwalunkwe ħin, id-dejn pendenti skont ftehim ta' kreditu.

Hemm kunsens fost il-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, l-uffiċjali tal-Istati Membri u l-kredituri li d-dritt tal-irtirar u d-dritt ta' ħlas lura bikri huma effettivi u ġeneralment jaħdmu tajjeb[14]. Huma meqjusa li joffru livelli għoljin ta' protezzjoni lill-konsumaturi u juru wkoll livelli tajbin ta' konformità mill-kredituri[15].

*Rata Perċentwali Annwali ta' Imposta*

Ir-Rata Perċentwali Annwali tal-Imposta tesprimi l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur bħala perċentwali annwali tal-ammont totali ta' kreditu Għalkemm id-dispożizzjoni dwar ir-Rata Perċentwali Annwali tal-Imposta kienet diġà teżisti fil-leġiżlazzjoni preċedenti dwar il-kreditu tal-konsumatur, id-Direttiva armonizzat kompletament il-kalkolu tar-Rata Perċentwali Annwali tal-Imposta billi pprovdiet formula koerenti għall-kalkolu tagħha fl-Istati Membri kollha. Id-Direttiva għalhekk tipprovdi għal għodda komuni u komparabbli ta' effettività għolja u valur miżjud għall-konsumaturi[16].

*Informazzjoni prekuntrattwali Il-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur*

Id-Direttiva tobbliga lill-kreditur jipprovdi lill-konsumatur, fi żmien xieraq qabel ma jkun marbut bi kwalunkwe ftehim jew offerta ta' kreditu, bl-informazzjoni meħtieġa biex iqabbel offerti differenti u jieħu deċiżjoni infurmata dwar jekk jikkonkludix ftehim ta' kreditu. Tali informazzjoni hija pprovduta permezz tal-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur li tinkludi dettalji ewlenin bħat-tip ta' kreditu, ir-Rata Perċentwali Annwali tal-Imposti, in-numru u l-frekwenza tal-pagamenti, u l-ammont totali dovut.

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati jirrikonoxxu li l-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur kellha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur billi pprovditilhom informazzjoni f'format strutturat tajjeb u li jinftiehem faċilment[17]. Barra minn hekk, il-konformità fost il-fornituri tal-kreditu mad-dispożizzjoni dwar l-informazzjoni prekuntrattwali hija ġeneralment għolja.

## 2.4 Nuqqasijiet tad-Direttiva

[14] B'mod ġenerali, il-konsumaturi huma infurmati sew dwar iż-żewġ drittijiet, b'72% tal-konsumaturi jkunu konxji mid-dritt li jirtiraw, u 82% tad-dritt li jħallsu lura kmieni

[15] Relattivament ftit konsumaturi esperjenzaw problemi fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom ta' rtirar, bi ftit aktar problemi b'ripagament bikri

[16] 90% tal-individwi li wieġbu għall-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa qiesu r-Rata Perċentwali Annwali tal-Imposta kemxejn jew importanti ħafna fid-deċiżjoni tagħhom.

[17] Kważi żewġ terzi tal-organizzazzjonijiet li wieġbu għall-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa qiesu l-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur bħala effettiva. Filwaqt li l-maġġoranza tal-awtoritajiet pubbliċi li wieġbu (74%) u tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi (65%) iddikjaraw b'mod ċar li l-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur kienet effettiva fil-protezzjoni tal-konsumaturi, għar-rappreżentanti tal-industrija dan kien ftit aktar min-nofs (56%)

L-evalwazzjoni indikat għadd ta' sfidi li tfaċċaw matul l-applikazzjoni tad-Direttiva. Dawn jirriżultaw min-nuqqasijiet tad-Direttiva kif ukoll mix-xejriet fl-ambjent tal-kreditu, u parzjalment fixklu l-kisba tal-objettivi tagħha:

*Kamp ta' applikazzjoni*

L-esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva definiti fl-Artikolu 2 tagħha huma sinifikanti u jinkludu ċertu self użat b'mod wiesa' kif ukoll self li huwa dokumentat biex iwassal aktar faċilment għal detriment għall-konsumatur f'ċerti ċirkostanzi, bħal self b'imgħax żero, kreditu bil-quddiem abbażi ta' previżjoni tad-dħul futur, ftehimiet ta' lokazzjoni li ma jimponux obbligu ta' xiri, jew ftehimiet ma' ħwienet tar-rahan.

Barra minn hekk, id-Direttiva ma tkoprix il-proċess kollu tal-għoti ta' kreditu li ħafna aspetti tiegħu huma biss parzjalment armonizzati jew saħansitra mhux armonizzati madwar l-UE (eż. il-kontenut tal-bażijiet ta' *data* tal-kreditu). Dan jirrappreżenta ostaklu importanti għall-ħolqien ta' suq intern reali għall-kreditu tal-konsumatur.

*Definizzjonijiet u termini mhux ċari*

Il-biċċa l-kbira tad-definizzjonijiet tad-Direttiva għadhom rilevanti għas-sitwazzjoni attwali tas-suq. Madankollu, hemm livell dejjem jikber ta' inċertezza dwar forom ġodda ta' self li dehru online. L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva ma jsemmix espliċitament tali forom ġodda ta' self - ma hemm l-ebda referenza, pereżempju, għal self bejn il-pari[18] fost l-esklużjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni (Artikolu 2(2)), li jfisser li d-Direttiva għandha fil-prinċipju tkopri self bejn il-pari. Madankollu, id-definizzjoni ta' "kreditur" tuża l-kliem "fl-eżerċizzju tas-sengħa, negozju jew professjoni tiegħu" li tista' ma taqbilx mal-kunċett ta' self bejn il-pari.

L-inċertezza legali qed tirriżulta wkoll minn kliem impreċiż ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva bħal dawk dwar informazzjoni standard li għandha tiġi inkluża fir-reklamar, dwar informazzjoni prekuntrattwali u dwar il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja li jużaw termini bħal "informazzjoni suffiċjenti" u "fi żmien debitu" mingħajr speċifikazzjoni ulterjuri.

*Obbligi ta' informazzjoni u mezzi ta' komunikazzjoni*

Filwaqt li ma hemm l-ebda dubju li l-formola armonizzata ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur fil-format dettaljat ta' tabella stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva tidher li taħdem tajjeb f'kuntest ta' karta, il-format u t-tul tal-formola ma jaqblux mat-teknoloġija diġitali mobbli moderna użata minn ħafna konsumaturi. Għalhekk, l-għan tal-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur li tipprovdi informazzjoni prekuntrattwali utli jwassal għal żvelar obbligatorju ta' informazzjoni diffiċli għall-konsumatur biex jaċċessa u jifhem f'ambjent online, u b'hekk jintilef l-iskop oriġinali tiegħu.

[18] Is-self bejn il-pari jikkonsisti fl-użu ta' pjattaforma elettronika biex jitqabblu l-mutwanti/l-investituri mal-mutwatarji/emittenti biex jiġi pprovdut self mhux garantit, inkluż il-kreditu tal-konsumatur

Kwistjoni oħra relatata mat-trasparenza li ġiet iffaċċjata matul l-aħħar deċennju tikkonċerna r-reklami għall-kreditu tal-konsumatur imxandra fuq it-televiżjoni u r-radju. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva[19] jwasslu biex informazzjoni importanti jew tintwera għal ammont limitat ħafna ta' żmien jew titkellem malajr ħafna, u ma tagħtix biżżejjed żmien lill-konsumaturi biex jipproċessawha u jfakkruha. Dan jindika d-diffikultà prattika involuta biex l-Artikolu 4 attwali tad-Direttiva jkun effettiv b'mod konsistenti fit-tipi kollha tal-midja.

*Valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u bażijiet ta' data tal-kreditu*

L-Artikolu 8 tad-Direttiva jipprovdi għal "obbligu li tiġi vvalutata l-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur qabel ma jingħata kreditu lill-konsumatur". L-Artikolu jiddikjara li l-kreditur jeħtieġ li jivvaluta "l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur abbażi ta' informazzjoni suffiċjenti, fejn xieraq miksuba mill-konsumatur u, fejn meħtieġ, abbażi ta' konsultazzjoni tal-bażi tad-*data* rilevanti", mingħajr ma jiddefinixxi speċifikament l-informazzjoni li għandha tiġi vverifikata jew il-kundizzjonijiet li taħthom il-kreditur jista' jqis li l-konsumatur huwa affidabbli għall-kreditu. L-informazzjoni li għandha tiġi vverifikata u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet huma definiti fil-livell tal-Istati Membri, u jagħtu diskrezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri biex jirregolaw aktar id-dettalji tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri[20] stabbilixxew aktar dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u l-aċċess għall-bażijiet tad-*data*, filwaqt li komplew jiddefinixxu kif għandha titwettaq il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u jimponu obbligi oħra fuq il-kredituri. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li marru lil hinn mis-sempliċi obbligu ta' verifika tas-solvenza ta' mutwatarju stabbilixxew id-dokumenti li l-konsumaturi jridu jipprovdu biex jivvalutaw l-affidabbiltà kreditizja tagħhom[21].

L-uniku sors ta' *data* li d-Direttiva tiddefinixxi għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja huma l-bażijiet ta' *data* li jeżistu fl-Istati Membri u li jaħżnu informazzjoni dwar il-kreditu eżistenti u l-inadempjenzi possibbli tal-konsumaturi. L-Artikolu 9 tad-Direttiva, dwar l-aċċess għal bażijiet ta' *data*, jimponi l-obbligu għal kull Stat Membru li jiżgura aċċess għal kredituri minn Stati Membri oħra għal bażijiet ta' *data* użati f'dak l-Istat Membru. Madankollu, id-Direttiva ma tgħid xejn dwar kif għandu jingħata tali aċċess, li jirriżulta f'rekwiżiti differenti ta' aċċess stabbiliti mill-Istati Membri individwali. Barra minn hekk, il-bażijiet ta' *data* tal-kreditu — u l-informazzjoni li tinsab fihom — huma differenti minn Stat Membru għal ieħor, kemm pubbliċi kif ukoll privati u fihom *data* pożittiva (jiġifieri *data* dwar kwalunkwe kreditu meħud minn persuna) jew *data* negattiva (jiġifieri biss *data* dwar inadempjenzi ta' kreditu meħuda) jew it-tnejn.

Id-differenzi fil-kontenut tal-bażi tad-*data* ta' kull Stat Membru rispettiv jagħmlu l-kompitu tal-kreditur aktar diffiċli fl-operazzjonijiet transfruntiera.

---

[19] L-Artikolu 4 jirrikjedi li l-informazzjoni standard tiġi pprovduta b'mod ċar, konċiż u prominenti u jelenka għadd ta' punti ta' informazzjoni meħtieġa, inklużi r-rata tal-imgħax tas-self, l-ammont totali tal-kreditu u r-rata perċentwali annwali tal-imposti.

[20] BE, CZ, DK, ES, FI, HU, IT, LV, LT, NL, PL, RO, SI, SK, SE, UK.

[21] BE, DK, ES, FI, LV, PL, SK, UK.

Minbarra d-differenzi fil-mod kif l-Istati Membri operazzjonalizzaw ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-Artikoli 8 u 9, xi Stati Membri[22] imponew firxa ta' obbligi oħra fuq il-kredituri fir-rigward tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, bħal regoli li jipprojbixxu lill-kredituri milli jtemmu l-ftehim ta' kreditu jew milli jimponu penali u imposti għal ħlasijiet tard f'każ li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ma tkunx saret b'mod korrett.

B'riżultat ta' dan, id-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva wasslu għal sitwazzjoni frammentata fir-rigward tar-regoli tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja kif ukoll l-interoperabbiltà tal-bażi tad-*data* li jfixklu l-funzjonament aħjar tas-suq intern għall-kreditu tal-konsumatur.

*L-infurzar tad-Direttiva*

L-Artikolu 23 tad-Direttiva jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva u li tali penali jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri ġeneralment stabbilixxew sanzjonijiet ċivili u amministrattivi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva; madankollu, xi Stati Membri, minbarra s-sanzjonijiet ċivili u amministrattivi, jipprovdu l-possibbiltà li jinħarġu sanzjonijiet kriminali. Ir-riżultat kien li hemm disparità konsiderevoli fit-tipi u l-livelli ta' sanzjonijiet użati mill-awtoritajiet nazzjonali meta jinfurzaw id-Direttiva. Barra minn hekk, filwaqt li maġġoranza żgħira tal-Istati Membri għandhom korp ta' infurzar wieħed biss responsabbli għall-konformità tad-Direttiva, għadd kbir ta' Stati Membri ħatru diversi korpi biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-aspetti differenti tad-Direttiva; f'xi Stati Membri, l-awtorità kompetenti tiddependi fuq it-tip ta' fornitur tal-kreditu, jiġifieri jekk huwiex bank jew sellief mhux bankarju [23]. Li jkun hemm diversi awtoritajiet kompetenti b'diversi setgħat ta' sanzjonar u awtoritajiet kompetenti skont it-tip ta' operatur kellu impatt fuq il-kundizzjonijiet ekwi bejn il-pożizzjoni kompetittiva ta' kategoriji differenti ta' fornituri u l-konsistenza tal-infurzar.

## 3. Użu mill-Istati Membri ta' għażliet regolatorji previsti mid-Direttiva

In-nuqqasijiet tad-Direttiva enfasizzati hawn fuq komplew jiġu aggravati mir-riżultati tal-għażliet regolatorji magħmula mill-Istati Membri dwar ċerti elementi tad-Direttiva. Filwaqt li d-Direttiva kienet kienet teħtieġ l-iżvilupp ta' qafas legali armonizzat speċifiku biex jiġu protetti l-konsumaturi, li ma kienx jeżisti f'bosta Stati Membri fiż-żmien tal-introduzzjoni tagħha, ingħatat flessibbiltà lil dawk li jfasslu l-liġijiet nazzjonali għal disa' dispożizzjonijiet fakultattivi, li joffru l-possibbiltà lill-Istati Membri li jagħmlu użu minn għażliet regolatorji partikolari.

*Għażliet regolatorji msemmija fl-Artikolu 27(2) tad-Direttiva*

[22] HU, IT, LT, NL, SI.

[23] Pereżempju, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja li jirriżultaw mid-Direttiva huma ġeneralment infurzati mill-awtorità tal-konsumatur (għall-kredituri kollha fil-BE, EE, EL, FR, IS, LV, PL; għal selliefa mhux bankarji f'awtoritajiet reġjonali ta' DK, SE, SI u ES), l-awtorità superviżorja finanzjarja (għall-kredituri kollha f'EE, FR, NL, PL, UK u għal selliefa bankarji f'DK, SE) jew il-bank ċentrali nazzjonali (għas-selliefa kollha f'CY, CZ, ES, HU, IE, IT, LT, PT, RO, SK u għal selliefa bankarji f'ES, SI).

Skont l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw parzjalment id-Direttiva għal ftehimiet ta' kreditu konklużi minn organizzazzjonijiet stabbiliti għall-benefiċċju reċiproku tal-membri tagħhom[24]. Din il-flessibbiltà ntużat minn xi Stati Membri[25].

Skont l-Artikolu 2(6) tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw biss ċerti artikoli tad-Direttiva f'sitwazzjoni fejn il-konsumatur ikun diġà inadempjenti fil-kuntratt ta' kreditu inizjali u l-kreditur u l-konsumatur it-tnejn jaqblu dwar il-ħlas differit jew il-metodu ta' ħlas lura. Din il-possibbiltà ntużat mill-maġġoranza[26] tal-Istati Membri.

Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tiddetermina li r-Rata Perċentwali Annwali tal-Imposta trid tiġi inkluża fir-reklami għal ftehimiet ta' kreditu li ma jindikawx rata tal-imgħax jew xi ċifri relatati mal-ispiża tal-kreditu għall-konsumatur. Għadd limitat biss ta' Stati Membri[27] għamlu użu mill-flessibbiltà stabbilita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva.

Skont l-Artikolu 4(2)(c) u l-Artikolu 10(5)(f) tad-Direttiva, rispettivament, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li r-Rata Annwali tal-Perċentwal tal-Imposta ma għandhiex għalfejn tiġi inkluża fl-informazzjoni pprovduta lill-konsumaturi fl-*istadju tar-reklamar* u fl-*istadju kuntrattwali* għal ftehimiet ta' kreditu fil-forma ta' faċilitajiet ta' overdraft fejn il-kreditu għandu jitħallas lura fuq talba jew fi żmien tliet xhur. Għadd kbir ta' Stati Membri eżerċitaw il-possibbiltà pprovduta mill-Artikolu 10(5)(f) [28], filwaqt li għadd kemxejn iżgħar ta' Stati Membri għamlu użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 4(2)(c) [29].

Il-flessibbiltà prevista fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva li tippermetti lill-Istati Membri jeskludu r-Rata Perċentwali Annwali tal-Imposta mill-*informazzjoni prekuntrattwali* fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu speċifiċi koperti mill-Artikolu 2(3) (faċilitajiet ta' self korrenti fejn il-kreditu għandu jitħallas lura fuq talba jew fi żmien tliet xhur) intgħażlet minn għadd[30] ta' Stati Membri.

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli dwar il-validità tal-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu li jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni. L-Istati Membri kollha għażlu li jinkludu regoli addizzjonali rigward il-validità tal-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kreditu.

L-Artikolu 14(2) tad-Direttiva jikkonċerna d-dritt ta' rtirar fi ftehimiet ta' kreditu marbuta. Hija tistabbilixxi li f'sitwazzjoni fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva diġà kienet tipprevedi li l-fondi ma jistgħux isiru disponibbli għall-konsumaturi

---

[24] Lista sħiħa ta' kriterji ta' kwalifika hija pprovduta fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva.

25 CY, IE, LT, LV, RO, UK

26 BE, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, HR, IT, LT, LU, LV, MT, PL, PT, RO, SI, SK

27 CY, HU, SE, UK

[28] L-Istati Membri li għażlu li ma jinkludux ir-Rata Annwali tal-Perċentwal tal-Imposti fl-istadju kuntrattwali huma: CZ, DE, DK, ES, IE, LU, MT, NL, PL, SK, UK

[29] L-Istati Membri li għażlu li ma jinkludux ir-Rata Annwali tal-Perċentwal ta' Ħlas fl-istadju tar-reklamar huma: BG, DK, ES, IE, LU, MT, PL, UK

[30] DE, DK, ES, HR, IE, LU, MT, PL, SK, UK

qabel l-iskadenza ta' perjodu speċifiku, l-Istati Membri jistgħu eċċezzjonalment jipprevedu li l-perjodu ta' 14-il jum kalendarju previst fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva għad-dritt ta' rtirar jista' jitnaqqas għal dan il-perjodu speċifiku fuq talba espliċita tal-konsumatur. L-Artikolu 14(2) tad-Direttiva ftit li xejn intuża mill-Istati Membri[31] peress li l-applikazzjonijiet tiegħu huma pjuttost speċifiċi.

L-Artikolu 16 tad-Direttiva jikkonċerna l-ħlas lura kmieni mill-konsumatur tal-obbligi tiegħu skont ftehim ta' kreditu u l-possibbiltà tal-kreditur li jiġi kkumpensat. L-Artikolu 16(4) tad-Direttiva jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-kredituri jkunu intitolati għal kumpens għal ripagament bikri biss jekk l-ammont ta' ripagament bikri jaqbeż limitu definit fil-liġi nazzjonali (li ma jistax jaqbeż EUR 10,000 f'perjodu ta' 12-il xahar (Artikolu 16(4)(a)) u li jistgħu jitolbu kumpens ogħla, b'eċċezzjoni, jekk ikunu jistgħu jipprevedu li t-telf imġarrab ikun ogħla mill-ammont tal-kumpens normali (l-Artikolu 16(4)(b)). Numru kbir ta' Stati Membri[32] fil-fatt stabbilixxew limitu li lil hinn minnu l-kreditur jista' jitlob kumpens (Artikolu 16(4)(a)). Fir-rigward tal-Artikolu 16(4)(b) tad-Direttiva, numru ta' Stati Membri[33] għażlu li jilleġiżlaw ukoll fiċ-ċirkostanza fejn il-kreditur jista' jagħti prova li sofra telf minħabba l-ħlas lura antiċipat li jaqbeż il-livelli limiti stabbiliti fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva[34].

*Għażliet regolatorji oħra mill-Istati Membri, b'mod partikolari dwar il-kamp ta' applikazzjoni*

Xi Stati Membri marru lil hinn mid-Direttiva f'oqsma mhux koperti minnha u fejn ir-regola ta' armonizzazzjoni sħiħa tad-Direttiva ma tapplikax. Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ġiegħlet lill-Istati Membri jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom sabiex ikopru aktar tipi ta' ftehimiet ta' kreditu. Bl-eċċezzjoni ta' żewġ Stati Membri[35], l-Istati Membri kollha adottaw miżuri li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttiva. Xi wħud jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (jew uħud mid-dispożizzjonijiet tagħha) għal kreditu lill-konsumatur mhux kopert jew mhux kopert kompletament mid-Direttiva, jew inqas minn EUR 200,[36]'il fuq minn EUR 75,000[37] jew għal ftehimiet ta' kiri,[38] faċilitajiet ta' overdraft,[39] kreditu rotanti,[40] ipoteki,[41] kreditu b'rata ta' imgħax żero[42] u ftehimiet ma' ħwienet tar-rahan.[43]

---

[31] FR, RO, SI
[32] AT, CY, EL, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, PL, SI, SK, UK
[33] BG, CY, DK, ES, LT, LU, MT, NL, UK
[34] Ara t-Tabella 3 fil-paġna 38 tal-Istudju ta' Evalwazzjoni li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva:https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/consumer-finance-and-payments/retail-financial-services/credit/consumer-credit_mt
[35] CY, EL
[36] BE, BG, CZ, DK, EE, FI, HU, IT, LV, PT, SK.
[37] DE, DK, CZ, EE, ES, FI, FR, HU, PT, RO.
[38] AT, EE, HU, IT, FI, FR, PT, UK.
[39] AT, BE, FI, PT, FR.
[40] FI, NL, FR, IT.
[41] BG, CZ, HR, HU, RO, SI, SK.
[42] BE, UK.
[43] BE.

Barra minn hekk, xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva, filwaqt li jistabbilixxu objettivi ċari, ma speċifikawx ir-riżultat eżatt li għandu jinkiseb, filwaqt li baqgħu kemxejn ambigwi (pereżempju, l-artikolu dwar il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, diskuss hawn fuq).

*Effetti tal-għażliet regolatorji*

L-effett ikkombinat tal-għażliet regolatorji f'oqsma stabbiliti mid-Direttiva jew fejn ikun meħtieġ minħabba n-nuqqas ta' speċifikazzjoni fid-Direttiva, irriżulta f'qafas regolatorju frammentat f'għadd ta' aspetti tal-kreditu għall-konsumatur. Dan iwassal għal kamp ta' applikazzjoni differenti tal-protezzjoni tal-konsumatur u jaffettwa wkoll l-integrità tas-suq intern għall-kreditu lill-konsumatur sa fejn dawn joħolqu limiti għall-operazzjonijiet transfruntiera tal-krudituri.

## 4. Livelli limitu u rati perċentwali

L-Artikolu 27(2) tad-Direttiva jobbliga lill-Kummissjoni, kull ħames snin, tirrevedi l-livelli limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni u l-perċentwali użati għall-kalkolu tal-kumpens pagabbli fil-każ ta' ħlas kmieni.

*Livelli limiti stabbiliti f'din id-Direttiva u l-annessi tagħha*

Kif imsemmi hawn fuq, l-Artikolu 2(2)(c) tad-Direttiva jistipula li ftehimiet ta' kreditu ta' inqas minn EUR 200 jew aktar minn EUR 75 000[44] ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Jidher li hemm qbil ġenerali[45] li dawn il-livelli limiti qed jaffettwaw l-effettività u r-rilevanza tad-Direttiva. Ftehimiet ta' kreditu b'riskju għoli, li spiss jikkawżaw detriment għall-konsumatur, spiss ikunu inqas minn EUR 200 u għalhekk mhumiex koperti mid-Direttiva. Biex jirrimedjaw għal dan, għadd kbir ta' Stati Membri[46] ddeċidew fit-traspożizzjoni tad-Direttiva li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni għal ftehimiet ta' kreditu inqas minn EUR 200.

Filwaqt li l-limitu massimu ta' EUR 75 000 jidher li joħloq inqas riskju mill-protezzjoni tal-konsumatur jew mill-perspettiva tas-suq intern, għadd ta' Stati Membri[47] estendew il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (jew xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha) anki għal ftehimiet ta' kreditu ta' aktar minn EUR 75 000.

Il-livelli limiti ġew iffissati fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Direttiva, jiġifieri fl-2008. Għalhekk, dawn jirriflettu ċ-ċirkustanzi ekonomiċi ta' dak iż-żmien. Jekk jitqiesu fil-livelli tal-prezzijiet ta' dak iż-żmien, bl-użu tad-deflatur standard tal-PDG, il-valuri korrispondenti għal-limiti inferjuri u superjuri jkunu ta' madwar EUR 235 u EUR 87 380 rispettivament[48].

---

[44] Id-Direttiva tapplika wkoll għal kuntratti ta' kreditu mhux garantiti ta' aktar minn EUR 75 000 li l-għan tagħhom huwa r-rinnovazzjoni ta' proprjetà immobbli residenzjali.

[45] Skont il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati li saru fl-2019, aktar minn 90% tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi argumentaw li l-livelli limiti attwali m'għadhomx adegwati, b'80% tal-awtoritajiet tal-Istati Membri jaqblu. Fost il-fornituri tal-kreditu, 30% qiesu l-kamp ta' applikazzjoni bħala inadegwat, bil-livell limitu inferjuri msemmi bħala problema partikolari.

[46] BE, BG, CZ, DK, EE, FI, HU, IT, LV, PT, SK.

[47] DE, DK, CZ, EE, ES, FI, FR, HU, PT, RO

[48] Bl-użu tad-deflatur tal-PDG kif disponibbli mid-deflatur tal-PDG minn https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&pcode=teina110&plugin=1, EUR

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-reviżjoni ppjanata tad-Direttiva tista' tikkunsidra jekk ikunx iġġustifikat li jiġu aġġustati jew aboliti l-livelli limiti[49].

Id-Direttiva fiha limitu ieħor, stipulat fil-Parti II (*Suppożizzjonijiet addizzjonali għall-kalkoli tar-rata perċentwali annwali tal-imposti*) tal-Anness I. L-Anness, fil-paragrafu h tal-Parti II, jipprevedi li f'każ li l-partijiet għall-ftehim ta' kreditu ma jkunux qablu dwar il-limitu massimu tiegħu, il-limitu massimu preżunt għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti jiġi stabbilit għal EUR 1 500. L-Anness I kien is-suġġett ta' emenda leġiżlattiva[50] li kellha l-għan li timmodernizza s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tar-Rata Perċentwali Annwali ta' Imposta. Madankollu, il-limitu massimu ma ġiex emendat, u mill-analiżi mwettqa matul l-evalwazzjoni tad-Direttiva fl-2019 ma ġiet identifikata l-ebda evidenza rilevanti li titlob l-emenda tagħha.

*Perċentwali użati għall-kalkolu tal-kumpens pagabbli fil-każ ta' ħlas lura kmieni*

Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll livelli limiti fl-Artikolu 16; dawn jikkonċernaw il-kumpens li l-kredituri huma intitolati għalih fil-każ ta' ħlas lura kmieni. Il-limitu previst huwa ta' 1% tal-ammont imħallas lura kmieni, li jitnaqqas għal 0,5% jekk il-perjodu ta' żmien bejn il-ħlas lura antiċipat u t-terminazzjoni miftiehma tal-ftehim ta' kreditu ma jaqbiżx sena. La r-Rapport tad-Direttiva tal-2014[51] u lanqas l-istudju reċenti ma identifikaw xi kwistjonijiet fir-rigward ta' dan il-limitu u bħala tali għadhom jitqiesu rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur.

## 5. Konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem

Is-sejba ewlenija tal-evalwazzjoni tad-Direttiva hija li ż-żewġ objettivi tagħha, jiġifieri l-iżgurar ta' standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u t-trawwim tal-iżvilupp ta' suq uniku għall-kreditu, intlaħqu parzjalment u għadhom rilevanti. Id-drittijiet ta' rtirar u ħlas lura bikri u l-introduzzjoni ta' formati standardizzati ta' informazzjoni, ikkontribwixxew għall-forniment ta' livell standard ta' protezzjoni tal-konsumatur madwar l-UE kollha, u b'hekk naqqsu d-detriment tal-konsumatur, żiedu l-protezzjoni tal-konsumatur u pprovdew kundizzjonijiet ekwi bejn il-fornituri fl-UE kollha.

Min-naħa l-oħra, id-diġitalizzazzjoni rapida u l-innovazzjoni tal-prodott kif ukoll il-bidliet fil-preferenzi tal-konsumatur matul l-aħħar għaxar snin joħolqu sfidi għall-qafas legali għall-kreditu tal-konsumatur ibbażat fuq id-Direttiva. Filwaqt li l-preskrizzjonijiet riġidi ta' formati għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni żguraw it-trasparenza mtejba għaxar snin ilu matul l-istadji prekuntrattwali, u mbagħad qed isiru f'format stampat, mhumiex neċessarjament jimmassimizzaw il-benefiċċju tal-konsumatur illum f'ambjent dejjem aktar diġitali, u f'sitwazzjonijiet fejn il-konsumaturi jippreferu proċess ta' għoti ta' kreditu rapidu u bla xkiel.

200 fl-ekonomiji tal-2008 jikkorrispondu għal madwar EUR 235 f'ekonomija tal-2020. Bl-istess mod, EUR 75 000 fl-2008 jikkorrispondu għal madwar EUR 87 380.

[49] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12465-Consumer-Credit-Agreement-review-of-EU-rules

[50] Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/90/UE tal-14' Novembru 2011 li temenda Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jipprovdi assunzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta.

[51] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall- konsumatur, Brussell, 14.5.2014. COM(2014) 259 final

L-ambjent dejjem aktar diġitali min-naħa tiegħu mmotiva l-iżvilupp ta' prodotti ġodda, li wħud minnhom jistgħu jippreżentaw riskji ġodda li għalihom id-Direttiva ma toffrix protezzjoni effettiva.

Dawn il-fatti jindikaw il-ħtieġa possibbli ta' rieżami ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva, b'mod partikolari dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-proċess tal-għoti ta' kreditu (inkluż l-informazzjoni prekuntrattwali u l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja). Tali rieżami jista' jkun ukoll opportunità xierqa biex jiġu kkunsidrati rimedji għal nuqqasijiet oħra, bħat-titjib tad-definizzjonijiet.

Fl-aħħar nett, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-livelli limiti u l-perċentwali fid-Direttiva ma jidhrux li jeħtieġu emendi, jidher li hemm qbil wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati li l-limitu ta' EUR 200 - EUR 75 000 relatat mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jista' jiġi rivedut.

Il-Kummissjoni se tinkludi dawn il-kunsiderazzjonijiet fir-reviżjoni tad-Direttiva li kienet diġà tħabbret għat-tieni kwart tal-2021 fil-Programm ta' Ħidma rivedut tal-Kummissjoni tal-2020, adottat fit-28 ta' Mejju 2020[52].

[52] Disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/cwp-2020-adjusted-annexes_en.pdf